MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 11/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Gabriel Spiteri**

Numru 11/2015

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiket migjuba kontra l-imputat **Gabriel Spiteri,** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Anthony u Mary Anne neé Camilleri, imwieled Rabat, Ghawdex, fit-28 ta'

Ottubru 1989, u residenti 'Felca Court', Flat 3, Triq San Xmun, Munxar, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 990(G)

akkuzat talli waqt li kien qieghed fiz-Zebbug, Ghawdex u gewwa residenza Felca Court, Flat 3, Triq San Xmun, Munxar, Ghawdex, nhar l-10 ta' Lulju 2013 ghall-habta ta' 02.00a.m u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

akkuzat ukoll talli matul ix-xahar ta' Gunju 2013 u fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer:

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-istqarrija rilaxxata minnu, u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), u 22(2)(b)(ii) kif ukoll Taqsimiet 4 u 6, u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Gabriel Spiteri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------